# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A, LL.D.

## IL-PULIZIJA
## (Spettur Trevor Micallef)

## vs

## Jeffrey Cassar

**Kumpilazzjoni Numru 933/15**

**Illum 20 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' Jeffrey Cassar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 258584(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru 2015 ghal habta tal-hamsa t'a wara nofs in-nhar (05:00p.m.) u fil-granet ta' wara minn gewwa s-Swieqi u/jew vicinanzi:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Art. 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor (Art. 308 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel xi qligh iehor b'qerq. (Art. 309, 310(b) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat liema ammont tal-affarijiet jaqbez dak ta' Euro 2,329, ghad dannu ta' Raphael Azzopardi. (Art. 293 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Akkuzat aktar talli f'dawn l-ahhar xhur naqas milli jhares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih inghata il-helsien mill-arrest.

Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Akkuzat aktar talli kiser Ordni ta' Probation mghotija nhar l-04 ta' April 2013 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja.

**Ikkunsidrat**

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Trevor Micallef** fejn dan spjega li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) filghodu mar jaghmel rapport l-ghassa ta' San Giljan certu Raphael Azzopardi li huwa sid tal-hanut Raphael Azzopardi Jewellers li ftit jiem qabel u cioe' fit-tlettax (13) ta' Novembru kien mar l-imputat ghandu biex jara xi dehbijiet u fejn dan tah in-numru cellulari tieghu flimkien mal-karta tal-identita'. Dan qallu sabiex imur barra sabiex jorihom lit-tfajla tieghu u ma regax mar lura bihom. Azzopardi kien irraporta wkoll illi meta dan cempel lill-akkuzat dan qallu li kien ser igibhomlu t-Tnejn ta' wara fejn dan ma kienx mar.

Ix-xhud jghid ukoll illi meta l-imputat gie mitkellem mill-pulizija dan kien qal illi vera li kien ha l-gojjelli izda li Azzopardi kien tah zmien aktar sabiex iroddhom lura u li dik il-gurnata kienet ghadha ma waslitx. Meta gie kkonfrontat Azzopardi b'din il-verzjoni dan kien ikkonferma. Izda x-xhud jghid illi meta anke regghet ghaddiet din il-gurnata l-imputat xorta wahda ma regax roddhom lura u ghalhekk hargu l-akkuzi odjerni.

Ix-xhud jghid illi l-imputat kien jaf lil Raphael Azzopardi peress li kien hadem fuq id-dghajsa tieghu.

Ix-xhud esebixxa numru ta' dokumenti fosthom Dokument TM7 li hija sentenza moghtija fil-hmistax (15) ta' Lulju elfejn u hmistax (2015) kontra l-imputat stess.

Xehed ukoll il-parte civile <u>**Raphael Azzopardi**</u> fejn dan jghid illi fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elfejn u hmistax (2015) kien mar l-akkuzat li kien jafu qabel, u staqsih biex jara xi brazzuletta tad-deheb biex jaghtiha lit-tfajla tieghu li kienet ghadha kif kellha accident bil-karrozza u dan werieh tnejn biex din taghzel minnhom. Jghid illi l-ghada rega' kien mar l-imputat u qallu li n-nanna tieghu riedet tixtri par imsielet u curkett biex tqabbel mal-brazzuletta u kien tah curkett u par imsielet. L-imputat kien qallu li kien ser jigi matul il-gimgha. Il-parte civile jghid illi kien cempillu xi erbat (4) ijiem wara u l-imputat kien qallu li kien ser jigi mat-tfajla tieghu. Dan mar u mieghu kien hemm mara u tifel u dan qallu sabiex ibiddel ic-curkett. Dan biddilulu u qallu sabiex ma jsemmix prezzijiet quddiem it-tfajla tieghu ghaliex kien rigal u mbaghad

kien jerga' jmur wara nofsinhar u jhallsu ta' kollox izda dan qatt ma mar.

Ix-xhud jghid illi b'kollox l-imputat kien hadlu tliet (3) brazzuletti, par imsielet u curkett. Dan esebixxa dokumenti ta' dawn il-gojjelli li gie mmarkat bhala Dokument RA1. Dan jghid illi wara kien igiblu skuzi bhal li kien ser ibigh il-karrozza u ghalhekk kien ser ikollu flus jew li kellu cekk biex isarrfu. Dan jghid ukoll li kien tah il-karta tal-identita' tieghu kif ukoll karta tal-ETC. L-affarijiet kollha kienu jammontaw ghas-somma ta' erbat elef, hames mija u erbgha u hamsin ewro (€4,554).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi rat illi fil-mori tad-differimenti din il-Qorti tat cans lill-imputat sabiex ihallas lill-parte civile u fil-fatt inghatat is-somma ta' 1,750 permezz ta' diversi pagamenti. Illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) il-parte civile Raphael Azzopardi ddikjara li sa dakinhar l-imputat kien ghad fadallu jaghtih is-somma ta' elfejn, mija u ghoxrin ewro (€2,120).

Rat illi l-imputat ghamel xi zmien ma jinstabx u ghalhekk kien ghadda xi zmien iehor sabiex l-imputat rega' deher il-Qorti.

## Ikkunsidrat

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin."*

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa indubitat illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru l-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Charles Zarb</u> (App. Inferjuri – 1993) illi:

*"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti iccitat lill-**Imhallef Guze Flores** fejn qal lli -

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li*

*dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

> *"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, in oltre', a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-**Cassazione Taljana** (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi -

> *"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo*

*comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."*

Illi mill-provi prodotti, bl-ebda mod ma giet ippruvata il-messa in xena min-naha tal-imputat. L-imputat ma pprova jghid xejn esorbitanti sabiex il-parte civile jafdah u jtih dawn il-gojjelli. Dan semplicement kien jafu u forsi b'nuqqas ta' malizja u fiducja zejda min-naha tieghu, afdalu dawn il-gojjelli biex il-familjari tieghu jaghzlu minnhom. Il-fatt illi l-imputat seta' gab xi skuzi wara l-kommissjoni tal-fatt ma hux bizzejjed sabiex l-elementi ta' frodi jigu ppruvati. Ghaldaqstant dan ir-reat ma giex ippruvat.

Illi t-tielet (3) akkuza u cioe' dik tal-appropjazzjoni indebita din hija akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u kwindi din il-Qorti ma thossx li ghandha tissofferma ruhha fuqha u wisq anqas la ghandha tapplika ghal kaz *de quo*.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioe' dik tal-qligh mhux xieraq kontemplata taht l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa."*

Illi fuq dan l-Artikolu tal-Ligi l-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Patrick Spiteri</u> (dec 22/10/2004) qalet hekk:

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Illi kif gie deciz fis-sentenza <u>Il-Puliizja vs Carmela German</u> (App Krim Inf 30/12/2004) intqal:

*"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici - a differenza ta' l-artifizji u raggiri - tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija*

*certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana t-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi mir-rizultanzi processwali u fuq skorta tal-gurisprudenza enuncjata jista' jirrizulta biss ir-reat previst bl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali u cioe' l-frodi innominat. F'dan il-kaz u kif diga' ntqal, ma jirrizultax li l-imputat ghamel uzu ta' xi artifizji jew raggiri jew ta' xi apparat estern iehor li rrivesta bi kredibilita' l-affermazzjonijiet qarrieqa. Il-parti leza ghazel li jghaddi l-gojjelli lill-imputat semplicement abbazi li kien jafu. Ma giex bl-ebda mod ippruvat mill-prosekuzzjoni illi dak li ntqal fl-istqarrija tal-imputat u cioe' li gie sussegwentement derubat mill-gojjelli, kienet gidba. Illi rrizulta illi frott it-tahwid tal-imputat fil-hajja tieghu, dan gie maqbud f'hafna tgerfix li mbaghad ghamluwhielu difficli ferm biex ihallas il-flus ta' dawn id-dehbijiet. Fil-fatt tul il-mori tal-proceduri rnexxielu jhallas nofs dan l-ammont. Pero' din il-Qorti qed taraha difficli wkoll illi tqis li dan ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 309 jigi ppruvat.

Illi a rigward l-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ghalkemm hadet konjizzjoni tas-sentenza esebita in atti, pero' tirrimarka illi galadarba l-imputat mhux qed jinstab hati tal-akkuzi l-ohra, ma tistax issib htija ta' dan l-addebitu.

A rigward l-akkuza l-ohra u cioe' dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u li kiser Ordni ta' Probation, jinghad li dawn ma gewx ippruvati stante li l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova in sostenn ta' dawn l-akkuzi.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Jeffrey Cassar** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom.

\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-\-

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A, LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**